

Brussell, 3 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12990/22

SOC 531
EMPL 364
ECOFIN 939
EDUC 331

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi bbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi – Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) ibbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (AEPR) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI), bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2022.

L-AEPR sħiħ jinsab fid-dokument: 12990/22 ADD 1.

L-MPI jinsab fid-dokument: 12990/22 ADD 2.

Sfidi Ewlenin fil-Qasam tal-Impjiegi: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) ibbażati fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi tal-2022 u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi

1. F'konformità mal-mandat tiegħu skont l-Artikolu 150 TFUE, il-Kumitat tal-Impjiegi pproduċa analiżi annwali tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-impjiegi fl-UE għall-Kunsill. Din l-analiżi hija bbażata fuq il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI¹) tal-2022, li ġie żviluppat biex jimmonitorja l-progress lejn il-miri u biex jidentifika l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u r-riżultati tajba miksuba fis-suq tax-xogħol fl-UE kollha u f'kull Stat Membru.
2. L-MPI tal-2022 jinkorpora għall-ewwel darba l-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi u t-tagħlim għall-adulti proposti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u li ntlaqgħu tajjeb mill-Mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto f'Mejju 2021 u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021, kif ukoll il-miri nazzjonali relatati stabbiliti mill-Istati Membri, wara diskussjonijiet mas-servizzi tal-Kummissjoni, u ppreżentati fil-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2022. L-inklużjoni tal-miri tal-2030 u s-sett rivedut ta' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, approvati mill-EPSCO f'Ġunju 2021, kienu jeħtieġu għadd ta' aġġustamenti għall-edizzjoni tal-2022 tal-MPI².
3. L-EMCO u l-Grupp ta' Indikaturi tal-EMCO ser ikomplu jirriflettu dwar l-ġhodod ta' monitoraġġ tagħhom, f'konformità mal-appell tal-Kunsill EPSCO f'Marzu 2022³ lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) biex ikomplu l-ħidma tagħhom fuq l-iżvilupp ta' oqfsa ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni komparattiva, u fuq l-allinjament ulterjuri tal-ġhodod ta' monitoraġġ eżistenti.

¹ L-MPI jibni fuq is-sejbiet tal-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK). Il-QEK huwa sistema ta' valutazzjoni bbażata fuq indikaturi, imħejji b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) u l-Kummissjoni, li jkopri l-oqsma ta' politika ġenerali u speċifiċi skont il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u għandu l-għan li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-isfidi ewlenin u r-riżultati tajba fis-suq tax-xogħol f'dawn l-oqsma u jappoġġa lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom.

² Minbarra l-bidla mill-miri ewlenin u nazzjonali tal-2020 għal dawk tal-2030, il-bidla ewlenija għall-MPI ta' din is-sena hija ż-żieda tar-rata NEET tal-grupp ta' età bejn il-15 u d-29 sena, f'konformità mal-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa.

³ Ara d-dokument tal-Kunsill 6933/22.

4. Is-sejbiet ewlenin tal-MPI tal-2022 huma miġbura fil-qosor fir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (AEPR) tal-2022. Dawn jikkomplementaw il-konklużjonijiet tas-sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi fuq l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) tal-Kunsill u rakkomandazzjonijiet oħra tal-Kunsill fil-qafas tas-Semestru Ewropew.
5. Is-swieq tax-xogħol, b'mod partikolari f'xi Stati Membri, intlaqtu fl-2020 minħabba l-pandemija tal-coronavirus u l-miżuri meħtieġa biex din tiġi kkontrollata. Madankollu, l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-suq tax-xogħol ittaffa bis-saħħa ta' azzjoni politika rapida u deċiżiva fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE. Is-sejbiet tal-MPI tal-2022 jindikaw li l-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 inħass b'mod qawwi fis-suq tax-xogħol fl-2021. Kemm l-għadd ta' impjegati fl-UE kif ukoll it-total ta' siġhat maħduma rkupraw b'mod sinifikanti matul is-sena.
6. Ix-xejra 'l fuq tar-rata ta' impjieg tal-UE għall-persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena ssoktat fl-2021 u qabżet il-livell ta' qabel il-COVID għal 73.1 %, minn 71.7 % fl-2020 u 72.7 % fl-2019. Fi kważi l-Istati Membri kollha, ir-rata ta' impjieg (20-64) irreġistrat titjib fl-2021 meta mqabbla mal-2020. Barra minn hekk, fl-2021, f'16 mis-27 Stat Membru tal-UE, ir-rata ta' impjieg (20-64) laqget jew qabżet il-livell ta' qabel il-pandemija rreġistrat fl-2019.
7. Wara tnaqqis ta' 0.9 pp (sena wara sena) fl-2020, ir-rata ta' attività tal-UE-27 għall-grupp ta' età bejn il-15 u l-64 sena wriet żieda fl-2021 għal 73.6 %, meta mqabbla ma' 72.3 % fl-2020, xprunata l-aktar mill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u mill-grupp ta' età ta' bejn 55 u 64 sena. Madankollu, ir-rata ta' attività tan-nisa (15-64 sena) baqgħet kważi 10 pp inqas minn dik tal-irġiel fl-istess grupp ta' età.
8. Ir-rata tal-qgħad (għall-persuni ta' bejn il-15 u l-74 sena) naqset b'0.2 pp fl-UE fl-2021 għal 7 %. Barra minn hekk, ir-rata tal-qgħad tal-UE għall-grupp ta' età bejn il-15 u l-24 sena naqset b'punt perċentwali fl-2021 għal 16.6 % (madankollu għadha ogħla mil-livell tal-2019 b'punt perċentwali). Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt relattivament aktar qawwi fuq iż-żgħażaġh, anke minħabba li huma rrappreżentati żżejjed f'impjiegi temporanji li kienu partikolarment milquta. Ir-rata ta' persuni ta' bejn il-15 u d-29 sena li la għandhom impjieg u lanqas edukazzjoni u taħriġ (NEET) irreġistrat tnaqqis ta' 0.9 pp fl-UE fl-2021 għal 13.1 % minn 14 % fl-2020 u 12.9 % fl-2019.

9. It-Tbassir Ekonomiku Interim tas-Sajf 2022 tal-Kummissjoni, ippubblikat f'Lulju, jipproġetta li l-PDG reali fl-UE ser jikber b'2.7 % fl-2022 u b'1.5 % fl-2023. Dan huwa inqas milli mistenni fit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2022 ippubblikat f'Mejju, b'riskji għall-attività ekonomika u l-inflazzjoni skont l-evoluzzjoni tal-gwerra fl-Ukrajna u b'mod partikolari l-implikazzjonijiet tagħha għall-provvista tal-gass lejn l-Ewropa. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa, l-impjiegi fl-UE huma pproġettati li jiżdiedu b'1.2 % din is-sena u b'0.7 % fl-2023, filwaqt li r-rati tal-qgħad huma mbassra li jkomplu jonqsu, għal 6.7 % din is-sena u 6.5 % fl-2023 fl-UE. Iċ-ċifri tal-impjiegi fl-ewwel kwart tal-2022 huma pożittivi ħafna iżda ma jirriflettux (bis-sħiħ) l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna. Barra minn hekk, in-nies li qed jaħarbu mill-gwerra lejn l-UE huma mistennija li jidħlu fis-suq tax-xogħol b'mod gradwali biss, b'effetti tanġibbli li jsiru viżibbli biss mis-sena d-dieħla.
10. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tiddekrivi azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-prinċipji tal-Pilastru permezz ta' sforz konġunt mill-Istati Membri u l-UE f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Il-Pjan ta' Azzjoni ppropona, fost l-oħrajn, tliet miri ewlenin tal-UE dwar l-impjiegi, it-tagħlim għall-adulti, u t-tnaqqis tal-faqar li għandhom jinkisbu sa tmiem l-2030: tal-anqas 78 % tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-64 sena għandha tkun f'impjiegi; kull sena, tal-anqas 60 % tal-adulti kollha (ta' bejn il-25 u l-64 sena) għandhom jipparteċipaw fit-tagħlim u t-taħriġ; l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'tal-anqas 15-il miljun (meta mqabbel mal-2019).
11. Il-Kummissjoni Ewropea appellat ukoll lill-Istati Membri biex jiddefinixxu l-miri nazzjonali tagħhom stess dwar l-impjiegi, it-tagħlim għall-adulti u t-tnaqqis tal-faqar biex ifasslu l-istrateġiji ta' politika tagħhom u jikkontribwixxu għall-isforz komuni. Sa Ġunju 2022, l-Istati Membri kollha kienu identifikaw u ppreżentaw miri nazzjonali lill-Kummissjoni, wara diskussjonijiet bilaterali mas-servizzi tal-Kummissjoni u żewġ diskussjonijiet multilaterali fl-EMCO-KPS fix-xhur preċedenti. Dawn il-miri nazzjonali ġew ippreżentati u diskussi mill-Ministri tal-EPSCO matul il-laqgħa ta' Ġunju 2022.

12. Il-miri nazzjonali għar-rata ta' impjieg imressqa mill-Istati Membri għandhom it-tendenza li b'mod ġenerali juru livell tajjeb ħafna ta' ambizzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilixxew miri li jilhqqu jew jaqbżu l-mira ewlenija tal-UE ta' 78% sal-2030 u, abbażi tal-miri ppreżentati, l-ilĥuq tal-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar l-impjieg huwa possibbli (il-medja ponderata tal-miri nazzjonali tammonta għal 78.5%). Bħala medja, l-Istati Membri b'rati inizjali baxxi ta' impjieg stabbilixxew miri aktar ambizzjużi, meta titqies il-pożizzjoni inizjali tagħhom, li hija importanti biex tiġi żgurata konverġenza 'l fuq matul id-deċennju li ġej. Ir-rata ta' impjieg fl-2021 kienet diġà ogħla mill-mira ewlenija tal-UE ta' 78 % fi tmien Stati Membri.
13. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri juru livelli għoljin ta' ambizzjoni fil-miri nazzjonali tagħhom biex iżidu l-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti, filwaqt li jirriflettu l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dan huwa partikolarment il-każ għal ħafna pajjiżi li jibdew minn livelli aktar baxxi, u b'hekk jappoġġaw il-konverġenza 'l fuq fl-Unjoni. B'mod importanti, l-aħħar valuri tal-indikaturi dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim matul l-aħħar 12-il xahar huma disponibbli għall-2016, minn estrazzjoni speċjali tal-Istħarriġ tal-Edukazzjoni tal-Adulti. Wara t-tranżizzjoni għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE bħala sors ġdid ta' data fl-2022, il-valuri l-ġodda ser ikunu disponibbli fl-2023. Għal din ir-raġuni, xi Stati Membri għażlu approċċ kawt fl-iffissar tal-miri nazzjonali tagħhom. L-aggregazzjoni tal-miri nazzjonali ppreżentati (bl-użu tal-ponderazzjonijiet tal-popolazzjoni) turi nuqqas relattivament żgħir ta' madwar 2.4 pp fir-rigward tal-ambizzjoni fil-livell tal-UE sal-2030 (57.6 % kontra 60 %).

14. F'termini ta' prijoritajiet tematiċi għall-Istati Membri, l-interpretazzjoni tal-MPI tal-2022 tindika għadd ta' sfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi (KECs). Fil-qasam tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, dawn huma prinċipalment relatati ma' nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u parteċipazzjoni baxxa fit-taħriġ. Fir-rigward tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kwistjonijiet ewlenin huma d-dipendenza tal-eżiti edukattivi fuq l-isfond soċjoekonomiku u l-kisba baxxa ta' ħiliet bażiċi. L-isfidi huma identifikati fil-qasam tal-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż għal gruppi speċifiċi. Xi pajjiżi juru sfidi relatati mal-funzjonament tal-benefiċċji tal-qgħad u/jew l-impatt tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji fuq il-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (pereżempju, nases tal-pagi baxxi, nases tal-qgħad). Fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tħassib ewlieni huwa l-persistenza tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, filwaqt li fil-qasam tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-forniment u l-użu ta' faċilitajiet ta' ndukrar u l-impatt tal-paternità fuq il-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol huma kwistjonijiet ewlenin. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tibqa' wkoll ta' tħassib għal xi Stati Membri, filwaqt li jiġu identifikati aktar sfidi fil-qasam tal-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol (ALMPs) u l-funzjonament tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES).
15. L-analiżi tidentifika wkoll "xejriet li għandhom jiġu osservati" u "xejriet pożittivi reċenti" komuni tal-UE. B'mod partikolari, l-MPI jenfasizza għadd ta' żviluppi pożittivi għall-perjodu 2020-2021: żieda fl-impjiegi totali fi 18-il Stat Membru; żieda fir-rata ta' impjieg ta' persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena f'21 pajjiż; żieda fis-sehem ta' adulti b'edukazzjoni medja jew għolja fi 17-il Stat Membru; żieda fit-tlestija tal-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti fi 13-il wieħed; żieda fil-parteeċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja (perċentwal tal-popolazzjoni adulta ta' bejn il-25 u l-64 sena li pparteċipat fl-edukazzjoni u t-taħriġ matul l-aħħar erba' ġimgħat) fi 22 pajjiż. Xi wħud minn dawn ix-xejriet annwali huma kkonfermati mill-analiżi ta' żviluppi aktar fit-tul fuq tliet snin.
16. Madankollu, l-MPI jidentifika wkoll għadd ta' xejriet negattivi għall-perjodu 2020-2021: żieda fl-inattività u fix-xogħol part-time minħabba responsabbiltajiet personali u tal-familja fi 13-il Stat Membru; żieda fir-rata ta' riskju ta' faqar tal-persuni qiegħda fi 11-il wieħed u żieda fir-rata NEET għaż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena fi 11-il pajjiż.

17. L-EMCO jfakkar li l-opinjoni orizzontali tiegħu dwar iċ-ċiklu tal-2022 tas-Semestru Ewropew għall-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2022 innotat li l-ħruġ tal-pakkett tar-Rebbiegħa 2022, adottat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Mejju, jippreżenta ritorn pożittiv għal Semestru Ewropew komprensiv, inkluż Rapporti tal-Pajjiżi u Rakkomandazzjonijiet mhux fiskali Speċifiċi għall-Pajjiżi lill-Istati Membri. Madankollu, l-għadd ta' CSRs fl-oqsma taħt il-kompetenza tal-EPSCO, pereżempju daww li jikkonċernaw l-isfidi tal-impjiegi, huwa aktar limitat milli fiċ-ċiklu tas-Semestru tal-passat. L-EMCO jagħraf li dan jirrifletti n-natura komprensiva tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) imħejjija fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).
18. Fil-qasam tal-impjiegi, il-Pakkett tar-Rebbiegħa kien fih seba' CSRs dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet, li huma partikolarment importanti bil-ħsieb li jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet mal-ħtiġijiet u li jiġi żgurat tkabbir inklużiv u sostenibbli fil-kuntest ta' wara l-COVID u fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali "ġusti". Ingħatat ukoll attenzjoni lill-ġustizzja fit-taxxa (ħames CSRs), li tista' tappoġġa mudell ta' tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli u tnaqqas id-diżinċentivi għax-xogħol, kif ukoll lill-integrazzjoni u l-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż billi tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (tlit CSRs) u titkompla l-integrazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli (tlit CSRs), kif ukoll lill-indirizzar tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol (żewġ CSRs). Ġew proposti wkoll żewġ CSRs dwar it-titjib tad-djalogu soċjali effettiv permezz ta' involviment aktar attiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, filwaqt li ma ġiet proposta ebda rakkomandazzjoni speċifika dwar l-impjieg taż-żgħażaġħ jew il-pagi u l-iffissar tal-pagi. Barra minn hekk, il-pakkett tar-Rebbiegħa kien jinkludi referenzi orizzontali għall-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet immedjati tan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna billi ssemmiet d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja skattata f'Marzu 2022. F'Ġunju 2022, il-Kunsill EPSCO approva l-aspetti tal-impjiegi u tal-politika soċjali tas-CSRs. Is-CSRs tal-2022 ġew adottati mill-Kunsill f'Lulju 2022.
19. Il-ħidma reċenti ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO tindika li l-Istati Membri wettqu riformi fl-oqsma kollha ta' politika identifikati mill-MPI bħala oqsma ta' prijorità, iżda għad fadal xi sfidi, kif enfasizzat ukoll mis-CSRs tal-2022.

20. L-Istati Membri introduċew jew qed jippjanaw li jintroduċu miżuri biex isaħħu l-politiki ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, it-taħriġ diġitali, jespandu l-appoġġ għal gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, u jżidu l-għadd ta' persunal li jaħdem fis-servizz pubbliku tal-impjiegi. Għandhom jiġu żviluppati kif xieraq mudelli ta' implimentazzjoni ġodda ta' Politika Attiva tas-Suq tax-Xogħol (ALMP), anke bil-ksieb li jiġi żgurat appoġġ integrat lil dawk li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. Bl-istess mod, il-ħidma biex jintlaħqu xi gruppi (inkluż il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, in-nisa, iż-żgħażaġh u l-ħaddiema akbar fl-età) tibqa' sfida f'ħafna Stati Membri, filwaqt li sabiex it-tfassil tal-politika jkun infurmat aħjar, ħafna Stati Membri jeħtieġ ukoll li jsaħħu s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-ALMPs tagħhom.
21. Il-kriżi ma biddlitx radikalment ix-xejriet ewlenin tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol li spiss ikollhom impatt fuq il-gruppi żvantaġġati. Il-ħaddiema temporanji kienu l-aktar esposti għat-telf ta' impjiegi fl-eqqel tal-kriżi minħabba l-protezzjoni aktar baxxa tagħhom għax-xokkijiet ekonomiċi. F'ħafna Stati Membri s-sehem ta' ħaddiema temporanji involontarji għadu għoli (minkejja t-tnaqqis relatat mal-impatt tal-kriżi) u r-rati ta' konverżjoni ta' kuntratti temporanji jew mhux standard f'kuntratti permanenti għadhom baxxi ħafna, li jindika l-preżenza ta' ostakli strutturali li jimpedixxu tranżizzjonijiet bla xkiel fis-suq tax-xogħol. Is-sehem ta' ħaddiema dipendenti li jaħdmu għal rashom jibqa' f'livell għoli f'diversi pajjiżi u jeħtieġ attenzjoni speċifika. Leġislazzjoni effettiva dwar il-protezzjoni tal-impjiegi tibqa' element ewlieni biex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-lakuni regolatorji bejn l-impjieg standard u dak atipiku u biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni. Hija importanti wkoll fir-rigward ta' forum ġodda ta' xogħol bħax-xogħol fuq il-pjattaformi, li r-regolamentazzjoni xierqa tagħhom hija importanti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.
22. Fir-rigward tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol, fil-kuntest tal-kriżi l-Istati Membri kienu qed jaġġustaw it-taxxi fuq ix-xogħol u l-inċentivi għax-xogħol sabiex iżidu l-parteċipazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol ittaffa ħafna f'xi Stati Membri b'mod partikolari għal introjtu baxx u medju, kultant permezz ta' riformi komprensivi tas-sistemi tat-taxxa. Xi Stati Membri rrapportaw ukoll dwar il-progress li sar fit-tnaqqis tad-diżinċentivi għax-xogħol marbuta ma' karatteristiċi tas-sistemi tal-benefiċċji tat-taxxa.

23. F'kuntest ta' rkupru wara l-pandemija, u minkejja l-prospettiva ekonomika negattiva relatata mal-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna, is-swieq tax-xogħol Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas dejjem akbar ta' ħaddiema u nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri żiedu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet fl-istadji differenti tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'enfasi speċjali fuq il-ħiliet diġitali. Ħafna Stati Membri adottaw jew qed jadottaw riformi wiesgħa tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET), anke bil-ħsieb li jintegraw il-VET f'sistema aktar komprensiva ta' taħlim għall-adulti allinjata mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, ġew adottati miżuri biex tiżdied il-flessibbiltà tal-VET, billi pereżempju tissaħħaħ il-modularità tagħhom.
24. Il-parteeipazzjoni baxxa tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ ser teħtieġ sforzi mġedda fid-dawl tal-mira relatata tal-UE għall-2030. L-ostakli għall-parteeipazzjoni fit-taħlim u t-taħriġ jinkludu nuqqas ta' motivazzjoni, limitazzjonijiet finanzjarji, kif ukoll diffikultajiet biex il-ħin tat-taħriġ jiġi rikonċiljat max-xogħol u l-ħajja privata. Ir-riformi f'dan il-qasam qed jitwettqu fl-Istati Membri kollha, xi wħud b'viżjoni ferm komprensiva u fit-tul. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-investiment fl-infrastrutturi diġitali f'dawn l-aħħar snin għamel possibbli ż-żieda fl-għoti ta' taħlim mill-bogħod. F'każijiet oħra, ġew introdotti mikrokredenzjali jew taħriġ modulari. Stati Membri oħra jagħmlu użu minn inċentivi finanzjarji, anke fil-forma ta' kontijiet individwali ta' taħriġ, biex jinkoraġġixxu lill-adulti biex jieħdu opportunitajiet ta' taħlim. Ħafna Stati Membri saħħew ukoll l-għoti ta' taħriġ għal persuni f'impjieġ u speċjalment għal dawk friskju ta' spostament.
25. Fir-rigward tal-edukazzjoni skolastika, b'kontinwità mal-miżuri li diġà ttieħdu matul il-pandemija tal-COVID-19, qed isiru investimenti biex jissaħħu l-infrastruttura diġitali u l-għodod diġitali. Qed tingħata wkoll prijorità biex jissaħħaħ l-appoġġ għal studenti żvantaġġati kif ukoll biex jiżdiedu l-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, għalkemm għad hemm bżonn ta' aktar sforzi biex ir-riformi strutturali fl-edukazzjoni jiġu implimentati b'mod sħiħ. Għadd ta' Stati Membri għadhom qed jiffaċċaw sfidi importanti f'termini ta' eżiti edukattivi li jidhru f'livell baxx ta' ħiliet bażiċi u inugwaljanzi.

26. B'reazzjoni għall-impatt sproporzjonat tal-kriżi tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh, l-Istati Membri żammew impenn politiku qawwi lejn l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa. Fl-istess ħin, għad hemm sfidi. Il-feriti li ħalliet il-kriżi fuq iż-żgħażaġh, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, juru kemm hi importanti l-ħidma biex jintlaħqu NEETs inattivi u vulnerabbli. Hemm qbil komuni dwar l-importanza ta' approċċ preventiv fit-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-inattività. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa inattivi kif ukoll lin-NEETs li jgħixu f'żoni remoti jew rurali u lil dawk li jiffaċċaw għadd ta' ostakli soċjoekonomiċi. Il-kwalità tal-offerti tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tgiebet fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, u ġew irreġistrati riżultati tajbin fejn tidħol il-kapaċità tagħhom li joffru impjieg stabbli għaż-żgħażaġh. Madankollu, f'xi Stati Membri r-rata ta' riċiklaġġ⁴ fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għadha ta' tħassib.
27. Iż-żieda fil-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż f'termini ta' żieda fl-għadd ta' sigħat tax-xogħol u t-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, tibqa' sfida f'ħafna pajjiżi Ewropej. L-impatt imdaqas tar-responsabbiltajiet tar-rwol ta' ġenitur jew ta' kura fuq il-provvista tax-xogħol tan-nisa fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE jindika li d-disponibbiltà limitata ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) u ta' kura fit-tul (LTC) hija wieħed mill-ostakli ewlenin fil-kisba ta' suq tax-xogħol b'bilanċ aħjar bejn il-ġeneri. B'mod partikolari, filwaqt li l-miżuri biex jittejjbu l-parteeipazzjoni u l-kwalità tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) żdiedu b'mod mifruq madwar l-Ewropa kollha, li wassslu sabiex l-UE tilħaq bħala medja l-miri ta' Barċellona, il-parteeipazzjoni tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin fl-indukrar formali tat-tfal għadha baxxa ħafna f'għadd ta' Stati Membri. Fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, l-espansjoni tas-servizzi tal-kura fit-tul hija sfida emerġenti li tmur lil hinn mill-oġettiv li tiżdied il-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

⁴ F'dan il-kuntest, "riċiklaġġ" jirreferi għall-fatt li ż-żgħażaġh jerġgħu jidħlu fl-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ diversi drabi.

28. L-analiżi tal-EMCO dwar id-djalogu soċjali u l-involvement tas-sħab soċjali enfasizzat kemm huwa importanti li jiġi żgurat rwol sostantiv għad-djalogu soċjali u li mmorru lil hinn minn sempliċi proċess formalistiku f'termini ta' konsultazzjoni u involvement tas-sħab soċjali. F'xi pajjiżi, għad hemm hteġa li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tal-korpi li fihom isiru l-konsultazzjonijiet, u l-aktar importanti li tiġi żgurata rappreżentanza adegwata tas-sħab soċjali (u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) kollha.
29. L-EMCO huwa tal-fehma li s-Semestru Ewropew għadu għodda ta' koordinazzjoni effettiva għat-trawwim ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, kompetittività, impjiegi, ħiliet u protezzjoni u inklużjoni soċjali adegwati, b'mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u t-tibdil demografiku, kif ukoll wara l-pandemija tal-COVID-19 u fil-kuntest ġeopolitiku attwali bla preċedent ikkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.
30. Iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2023 għandu jkompli jindirizza l-isfidi attwali u futuri tas-suq tax-xogħol, inkluż f'ir-rigward tal-kuntest ġeopolitiku attwali u l-prospetti makroekonomiċi inċerti, filwaqt li jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Kif jindika l-MPI, biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-2030, jeħtieġ li jiġu indirizzati l-isfidi strutturali fl-oqsma tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, il-funzjonament tas-sistemi tat-taxxa/benefiċċji, l-ugwaljanza bejn l-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kif ukoll is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.